MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 704/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Buhagiar Roderick**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Settembru 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u tlieta u tmenin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm383.98) - tmien mija u erba` u disghin Euro u tlieta u erbghin Euro centezmi (€894.43), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-11 ta’ Jannar 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u erba` u disghin Euro u tlieta u erbghin Euro centezmi (€894.43) - tliet mija u tlieta u tmenin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm383.98) - bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba, li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------